**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta’ nhar il-Gimgha 18 ta’ Frar 2022</u>**

**<u>Rikors nru: 3/2022AGV:</u>**

**Pi. k/a P P**

**Vs.**

**C P**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors Ġuramentat ta' PI k/a P P, datat 5 ta’ Jannar 2022 fejn espona bir-rispett:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar id- disgha u ghoxrin ta' Ottubru, tas-sena elf disgha mija erbgha u disghin (29.10.1994) gewwa Malta, fil-knisja

Laboratorju tal-paci, Hal-Far u l-istess żwieġ ġie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv (certifikat anness u mmarkat 'Dok A');

2. Illi mill-istess żwieġ twieldu żewġt itfal C u RP li it-tnejn li huma maġġorenni;

3. Illi l-partijiet infirdu minn xulxin b'kuntratt iffirmat quddiem in-Nutar Pubbliku fl-erbatax ta' Dicembru, tas-sena elfejn u sbatax (14.12.2017) (kuntratt anness u mmarkat 'Dok B') wara li gew debitament awtorizzati;

4. Illi ma hemm l-ebda pendenza bejn il-partijiet u ma hemm l-ebda tama ta' rikonċiljazzjoni bejniethom;

5. Illi l-partijiet ma għexux flimkien sa mis-sena u ma hemm ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

6. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet;

**GĦALDAQSTANT, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:**

(i) Tiddikjara ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet maħlul u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet għall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;
(ii) Tordna lir-Reġistru tal-Qorti sabiex fiż-żmien hekk prefiss mill Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex jiġi reġistrat.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Gimgha 18 ta' Frar 2022, dehret l-intimata li mhux qed toggezzjona ghat-talba tad-divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**